# KWADRU TAL-MADONNA TAS-SOKKORS FIL-KATIDRAL TAL-IMDINA

Fil-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f`Bormla hemm numru kbir ta` opri sagri ta` valur artistiku kbir, kemm għal fatt li dawn saru mil-awqa artisti Maltin u barranin ta` kull żmien, kif ukoll l-epoki differenti li nħadmu fihom.

Fis-sagristija tal-Kolleġġjata hemm numru ta` kwadri li qabel kienu fl-istess Knisja, jew f`xi Knisja filjali li hemm fil-limiti tal-Belt ta` Bormla. Wieħed minn dawn il-Kwadri huwa tal-Madonna Del Soccorso. Irid jingħad li dak li hemm fis-Sagristija huwa biss kopja tal-oriġinal li llum jinsab fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.

Dan inħadem lejn is-sena 1496 u huwa attribwit lill artist Sqalli Salvo d`Antonio li jingħad li kien jiġi n-neputi tal-artist magħruf Antonello da Messina.

Il-konnessjoni tal-Madonna b`dan it-titlu tas-Sokkors ma' Bormla tissemma għall-ewwel darba lejn is-sena 1575 meta Mons. Pietro Dusina kien qiegħed jagħmel il-Vista Pastorali tiegħu f`Bormla. Fir-Rapport ta` din il-Vista Pastorali tiegħu huwa jgħid li l-knisja prinċipali ta' dawn l-inħawi kienet magħrufa bħala ta` "SANCTAE CONCEPTIONIS DEL SUCCURSU".

Dan ix-xogħol huwa trittiku magħmul minn kwadru ta` daqs kemmxejn akbar miż-żewġ kwadri oħrajn li hemm mal-ġnub tiegħu. Fil-parti tan-nofs hemm il-Madonna bilqiegħda fuq tron filwaqt li qiegħda ddaħħal għal kenn taħt il-mant tagħha tfajjel ċkejken ippersegwitat mix-xjaten tal-infern.

F`idejn il-Madonna l-artist pitter zokk żgħir li permezz tiegħu qiegħda tkeċċi l-ħażen il-bogħod mit-tfajjel. Fil-parti ta` fuq ta` dan il-kwadru hemm x-xena tal-



Kruċifissjoni ta` Ġesu fuq il-Golgota fejn taħt is-Salib hemm il-Madonna u San Ġwann.

Fil-kwadru tan-naħa tax-xellug hemm San Pietru bil-muftieħ u l-ktieb f`idejh ippreżentat bħala l-Kap tal-Knisja. Fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru l-kbir hemm ix-xbieha ta` San Ġakbu bil-bastun tradizzjonali f`idu u bil-ktieb tat-tagħlim nisrani.

Interessanti li wieħed jinnota li fil-parti ta` fuq tal-kwadru fejn hemm San Pietru hemm l-Arkanġlu Gabriel qiegħed iwassal il-Bxara t-Tajba, filwaqt li fil-parti ta` fuq tal-kwadru ta` San Gakbu hemm ix-xbieha tal-Madonna b`rasha baxxuta taċċetta din it-tħabbira.

Trittiku interessanti fejn jinġabru tlett xeni differenti mil-ħajja tal-Madonna flimkien ma żewġ qaddisin kbar.

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULLĦADD

***Mario Fenech***